**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 200**

It-Tnejn, 29 ta' Jannar 2024

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.00 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anglu Farrugia, ippreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol l-Onor. Clyde Caruana u s-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Rebecca Buttigieg kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Anton Refalo, il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar l-Onor. Clint Camilleri, l-Onor. Ray Abela*, l-Onor. Eve Borg Bonello, l-Onor. Abigail Camilleri u l-Onor. Julie Zahra kienu skużati.

Il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi l-Onor. Chris Bonett, ~~l-Onor. Ray Abela~~*, l-Onor. Alex Borg u l-Onor. Stephen Spiteri kienu assenti.

** Vide Minuti tas-Seduta 202 – 31.01.2024*

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta 199 li saret fl-24 ta' Jannar 2024 kienu kkonfermati.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li s-Sedja laqgħet it-talba tal-Onor. Chris Said sabiex jidher bħala skużat fil-Minuti tas-Seduti 196, 197 u 198 tas-17, 22 u 23 ta' Jannar 2024 rispettivament, u kienet qiegħda tordna illi ssir il-korrezzjoni relattiva fl-imsemmija Minuti.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2925 Rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika bl-isem *Performance Audit on the Operations of Jobsplus' Law Compliance Unit*, datat Jannar 2024; u

P.L. 2926 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Peter Bonnici et vs Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 308/2020 LM), deċiża fl-14 ta' Settembru 2022 u dik tal-Appell datata 22 ta' Jannar 2024, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12757; il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo Etienne Abela, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2927 Dokument bl-isem *Health Work Force Strategy 2022 – 2030 - Supporting and Empowering the Health Care Workforce* maħruġ minn The People Management Division, Ministry for Health datat Ottubru 2022.

Fl-4.31 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 12757 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2928 Informazzjoni dwar in-numru ta' impjegati fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali maqsuma skont id-Direttorat, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14827;

f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2929 Tagħrif dwar in-numru ta' uffiċjali pubbliċi li jaħdmu fid-dekasteru li jaqgħu taħt l-Uffiċċju tal-Prim Ministru maqsuma skont il-*Modern Work Practices*, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15166;

f'isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2930 Tagħrif dwar dawk il-Kunsilli Lokali li applikaw u li bbenefikaw minn fondi/programmi Ewropej bejn Jannar 2020 u Diċembru 2023 maqsuma skont il-kunsill, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15463;

f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2931 Stqarrija mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru (PR240065) datata 18 ta' Jannar 2024 bl-isem *Iffirmat ftehim li se jfisser stabbilità fil-prezzijiet ta' prodotti essenzjali tal-ikel*, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15137;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2932 Dokument maħruġ għall-Konsultazzjoni Pubblika bl-isem *National Policy for the Deployment of Offshore Renewable Energy* maħruġ minn *The Energy & Water Agency*, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15399;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2933 Avviż Legali Nru 12 tal-2024 – Regolamenti tal-2024 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud;

P.L. 2934 Avviż Legali Nru 13 tal-2024 – Financial Markets Act (Covered Bonds) (Amendment) Regulations, 2024;

P.L. 2935 Lista ta' prodotti li ntużaw biex tiġi kkalkulata l-COLA, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15132; u

f'isem il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2936 Informazzjoni dwar in-numru ta' impjegati li rriżenjaw mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali fil-perjodu bejn Jannar 2022 u t-22 ta' Jannar 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15408.

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2937 Rapporti annwali u stqarrijiet finanzjarji ta' SportMalta sal-31 ta' Diċembru għas-snin 2021 u 2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15578;

Il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo Etienne Abela, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2938 Tabella li turi n-numru ta' barranin impjegati fid-dekasteru li jaqa' taħt il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva maqsuma skont il-grad, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15596.

Is-Segretarju Parlamentari għax-Xogħlijiet Pubbliċi, l-Onor. Omar Farrugia, f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2939 Tagħrif dwar ir-rotot tat-Trasport Pubbliku li jgħaddu mill-Mosta maqsuma skont ir-rotta, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15507;

Is-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Alicia Bugeja Said, f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2940 Avviż Legali Nru 11 tal-2024 – Regoli tal-2024 dwar l-Implimentazzjoni tal-Kondizzjonijiet Żootekniċi u Ġenealoġiċi għat-Tnissil, il-Kummerċ u d-Dħul f'Malta ta' Annimali ta' Razza Pura għat-Tnissil, Majjali Ibridi għat-Tnissil u l-Prodotti Ġerminali Tagħhom;

P.L. 2941 Avviż Legali Nru 14 tal-2024 – Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Aġenzija għall-Pagamenti.

**KOMMEMORAZZJONI**

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, l-Onor. Beppe Fenech Adami u l-Ispeaker tkellmu dwar il-vittmi tal-Olokawst, b'referenza għar-Riżoluzzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti ta' Novembru 2005 li ddikjarat is-27 ta' Jannar bħala l-ġurnata li tfakkar il-vittmi tal-Olokawst.

**PERMESS TAL-KAMRA**

Bil-permess, il-Kamra għaddiet biex jitressqu żewġ mozzjonijiet mingħajr avviż.

**MOZZJONIJIET**

**SOSTITUZZJONI TA' MEMBRI FIL-KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI – MOZZJONI 214**

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, f'isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur ippropona:

Illi l-Kamra tirriżolvi li l-Onor. Romilda Zarb tinħatar membru tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali minflok l-Onor. Chris Agius li kien nominat fuq l-istess Kumitat permezz tal-Mozzjoni 19 mgħoddija fis-Seduta 5 tas-16 ta' Mejju 2022.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**SOSTITUZZJONI TA' MEMBRI FIL-KUMITAT TAL-KONTIJIET DWAR L-UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA – MOZZJONI 215**

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, f'isem id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur ippropona:

Illi l-Kamra tirriżolvi li l-Onor. Omar Farrugia jinħatar membru tal-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika minflok l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi li kien nominat fuq l-istess Kumitat permezz tal-Mozzjoni 27 mgħoddija fis-Seduta 5 tas-16 ta' Mejju 2022.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX JEMENDA L-ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT - MOZZJONI 213**

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi sabiex jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, Kap. 549." inqara l-ewwel darba.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-GOVERNANZA SPORTIVA U L-INTEGRITÀ FL-ISPORT – ABBOZZ NRU 73**

Il-Kamra rriżumiet mit-23 ta’ Jannar 2024 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Davina Sammut Hili, l-Onor. Omar Farrugia, l-Onor. Katya De Giovanni, l-Onor. Miriam Dalli u l-Onor. Clifton Grima.

Fil-5.11 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta għal ftit mumenti sakemm il-President tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta’ Abbozzi ta’ Liġi jirrapporta dwar ħidma tal-kumitat.

**KUMITATI PERMANENTI**

Il-President tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta’ Abbozzi ta’ Liġi, l-Onor. Michael Farrugia, irrapporta li

Abbozz Nru 49 - Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija;

Abbozz Nru 76 - Abbozz ta' Liġi li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità; u

Abbozz Nru 65 - Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta

kienu għaddew mill-istadju ta’ Kumitat b’emendi.

**1. ABBOZZ TA’ LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-GOVERNANZA SPORTIVA U L-INTEGRITÀ FL-ISPORT – ABBOZZ NRU 73 (KONTINWAZZJONI)**

Il-Kamra rriżumiet minn ftit tal-mumenti qabel id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta’ Liġi msejjaħ “Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport, Kap. 626” inqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, talab il-permess sabiex iressaq mozzjoni ħalli l-istadju ta’ kumitat ta’ dan l-Abbozz ta’ Liġi, minkejja li kien jirrikjedi l-Messaġġ tal-President, jiġi ttrattat fil-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta’ Abbozzi ta’ Liġi.

Il-permess ingħata.

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni ppropona li dan l-Abbozz ta’ Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta’ Abbozzi ta’ Liġi.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**2. ABBOZZ TA’ LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-GOVERNANZA SPORTIVA U L-INTEGRITÀ FL-ISPORT (EMENDA NRU 2) – ABBOZZ NRU 80**

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport (Emenda Nru 2)

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont ftehim milħuq u kif indikat fid-diskussjoni dwar it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport – Abbozz Nru 73 – fis-seduta 198 tat-23 ta' Jannar 2024, il-konsiderazzjoni fi stadju ta' Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport (Emenda Nru 2) kienet ġiet eżawrita waqt id-diskussjoni fi stadju ta' Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi Nru 73, li kien għadu kif għadda mill-Kamra.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport, Kap. 626" inqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni ppropona li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

## 3. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA LIĠIJIET VARJI DWAR IL-KIRJIET RESIDENZJALI PRIVATI – ABBOZZ NRU 87

Il-Kamra rriżumiet mill-24 ta' Jannar 2024 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda liġijiet varji dwar il-kirjiet residenzjali privati u sabiex jagħmel dispożizzjonijiet anċillari u konsegwenzjali għalihom".

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Stanley Zammit u l-Onor. Michael Falzon.

Fis-6.56 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

## AĠĠORNAMENT

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, l-Onor. Michael Falzon, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 30 ta' Jannar 2024, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Liġijiet dwar il-Komunikazzjonijiet | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 8) | Tieni Qari |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 9) | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi dwar it-Twaqqif ta’ Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta’ Miżuri għall-Ħarsien ta’ Ġurnalisti, Persuni oħra b’irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta’ Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi fuq Azzjoni dwar il-Klima | Tieni Qari |
| Mozzjoni Nru 208 – Mozzjoni li temenda l-Avviż Legali 270 tal-2023 | Kontinwazzjoni |

-----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 11) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 10) | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport (Emenda Nru 2) | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni mill-Onor. Albert Buttigieg, mill-Onor. Ivan Castillo u mill-Onor. Mark Anthony Sammut.

Bil-permess tal-Kamra l-Onor. Mark Anthony Sammut qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2942 13-il ritratt meħuda fi Triq l-Arkata, Raħal il-Ġdid li juru ħsarat fil-galleriji kawża ta' vejikoli kbar li jgħaddu minn din it-triq minħabba li ma kienx hemm bdil ta' tabelli tat-traffiku.

Fis-7.29 p.m. id-Deputy Speaker, l-Onor. David Agius, avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 30 ta' Jannar 2024, bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**